**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 5 ta’ Gunju, 2001

**Numru 2**

**Avviz. numru 212/01JR**

**International Merchants Ltd.**

**vs**

**Rita Saliba u John Saliba ghall-kull interess li jista jkollu**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta’ mija u tmentax-il lira Maltija tnejn u tmenin centezmu (Lm118.82) prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilhom;**

**Illi l-istess konvenuti baqghu ma hallsux minkejja diversi interpellanzi anke permezz ta’ ittra legali;**

**Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandux it-Tribunal jikkundannahom ihallsu s-somma ta' mija u tmentax-il lira Maltija tnejn u tmenin centezmu (Lm118.82) dovuti kif fuq inghad, bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Lewis Cardona, managaing Director tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut u ilu dovut mis-16 ta' Mejju, 2000. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tmentax-il lira Maltija tnejn u tmenin centezmu (Lm118.82), bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Mejju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**